**QORTI CIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nhar it-Tlieta id-29 ta' Novembru 2016**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru. 1608/2016JPG**

**Joseph Farrugia, impjegat bin Romeo u Antonia nee' Chircop**
**imwieled Pieta fid-9 ta' Lulju 1973, ID 346973(M)**

**vs**

**Pace George Raymond, Direttur ta' kumpanija**
**bin Joseph u Maria Lourdes nee' Bonnici,**
**imwieled Qormi u residenti Attard ID 343463(M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Joseph Farrugia (KI 54375M) et datat 3 ta' Novembru, 2016 li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta, u b'mod partikolari (1) il-fond flat internament immarkat nru. 6 formanti parti minn Blokk ta' appartamenti sitwat il-Qawra limiti ta' Bugibba, Triq l-Istamnar, mgharuf bhala Block E – Cosmopolitan Apartment bid-drittijiet tieghu hekk kif deskritt fil-kuntratt in ati Nutar Dr. Pierre Falzon tal-31 ta' Ottubru 2001 u kif ukoll (2) il-garage fit-tielet livell, enumerat internament tlieta u ghoxrin (23) formanti parti minn kumpless ta' garages sottostanti Block A – Cosmopolitan Apts. sitwat il-Qawra limiti ta' San Pawl il-Bahar kif deskritt*

*fil-kuntratt in atti Nutar Dr. Pierre Falzon tal-31 ta' Ottubru 2001 u kif ukoll (3) il-fond ossia d-dar bl-isem 'Massabiele', Mdina Road, Attard.*

*Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' Eur 60,000 rapprezentanti self brevi manu mghoti lilu qabel illum.*

*Illi l-esponent sejjer jiddeduci din il-pretenzjoni permezz tal-opportun rikors guramentat skont il-ligi.*

*Illi l-esponenti ghandu biza li l-intimat jista' jiddisponi mill-proprjeta sudetta li hija l-unika assi tal-intimat u ghalhekk l-esponenti ghandu interess li jikkawtela d-drittijiet tieghu. Di piu l-esponenti jaf li l-intimat ghandu diversi djun ohra mal-banek u ghalhekk hemm bzonn li l-pretensjoni tieghu tigi debitament kawtelata b'dan il-mandat.*

*Illi ghalhekk hemm bzonn li dan il-mandat jigi akkordat provvizorjament sakemm jigi dekretat finalment.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in wkistjoni kontra l-intimat.*

Rat id-digriet tal-1 ta' Novembru, 2016 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza ghall-11 ta' Novembru, 2016 fl-10.00 a.m.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenut George Raymond Pace datata 10 ta' Novembru, 2016 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti qieghed jintavola din ir-risposta in segwitu ghad-Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-3 ta' Novembru 2016;*

*Illi, kif tghallimna l-gurisprudenza nostrali, sabiex jintlaqgha Mandat ta' Inibizzjoni, ir-rikorrent irid jipprova sodisfacjentement illi a) jezisti dritt prima facie li ghandu interess jissalvagwardja, u b) il-pregudizzju li jista' jsofri r-rikorrenti f'kaz illi t-talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni ma tintlaqax ikun wiehed irrimedjabbli, u dawn iz-zewg rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi;*

*Illi fil-proceduri fl-ismijiet* ***Charles Mugliette vs Saviour Bonnici***,[1] *dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta kienet irriteniet:*

*"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrent juri żewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-ligi nfisha, iż-żewg elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wiehed minn dawn iż-żewg elementi ma jirriżultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak."*

*Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi ghandu jirrizulta sodisfacjentement, fuq bazi prima facie, illi z-zewg rekwiziti huma kompletament assenti, b'dan ghalhekk illi dina l-Onorabbli Qorti hija mistiedna tichad it-talba ghall-hrug ta' dan il-Mandat, u tirrevoka d-Digriet precedenti taghha tat-3 ta' Novembru 2016 fejn laqghet it-talba provizorjament;*

***A) Irregolarita` procedurali***

*1. Illi qabel xejn, il-gudizzju ma hux integru in kwantu kwalunkwe allegat self certament sar minn flejjes formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn ir-rikorrent u martu, liema mara l-Avukat sottoskritt sahansitra kellu l-opportunita` jkellem personalment. Dan jinghad in vista tal-fatt li r-rikorrenti ddikjara l-istat tieghu bhala 'impjegat' fil-Mandat de quo, u ghaldaqstant ghandu jirrizulta pacifiku li ma setax jislef flus li jigu minn xi kummerc li jintraprendi;*

[1] Deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fil-25 ta' Jannar 2005 [Rik. 2086/97 JRM]

*2. Illi di piu`, l-Mandat odjern huwa irregolari in parti, in kwantu bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 874(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward tat-tielet proprjeta` indikata bhala 'Massiabelle', Mdina Road, Attard;*

*Illi skond il-Ligi, meta tigi indikata proprjeta` immobiljari specifika ghall-fini ta' din il-procedura, huwa mandatorju illi dik il-proprjeta` tigi identifikata skond il-Public Registry Act. Il-Ligi tuza l-kelma 'shall' fil-verzjoni Ingliza, li tindika mandatorjeta`, u ghaldaqstant in-nuqqas ta' adempiment mall-vot tal-Ligi ghandu jfisser impediment ta' natura procedurali biex din il-proprjeta` tigi milquta bl-effetti tal-Mandat de quo;*

*Illi jidher illi l-proprjetajiet l-ohra indikati huma deskritti kif trid il-Ligi - ghaldaqstant, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dan ghandu bilfors ifisser illi l-proprjeta` 'Massiabelle', Mdina Road, Attard la tista u lanqas ghandha tigi milquta bl-effetti tal-Mandat de quo, filwaqt illi in kwantu ghall-proprjetajiet l-ohra indikati, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tibda l-investigazzjoni gudizzjarja solita dwar jekk jikkonkorrux ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat de quo;*

***B) Dritt Prima Facie***

*3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-artikolu 873(2) jistipola illi:*

*"Il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet."*

*4. Illi fil-proceduri fl-ismijiet **Avv. William Cuschieri vs Kummissarju ta' l-Artijiet**,*[2] *dina l-Onorabbli Qorti [b'referenza ghal proceduri ohra] stqarret:*

*"Dwar il-prova prima facie tal-jeddijiet, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal- 14 ta' Lulju 1988 fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.290) qalet hekk –*

---

[2] Mandat Nru, 1/15 JZM deciz fis-27 ta' Jannar 2015.

*... huwa* ***rekwizit oggettiv*** *u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat. (enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti).*

*...*

*Li sejra taghmel il-Qorti l-ewwel huwa li tistharreg jekk ir-rikorrent irnexxielux jipprova li prima facie ghandu l-jedd li jitlob il-hrug tal-Mandat. Jekk fil-fehma taghha, din il-prova ma tirrizultax, allura ma jkun hemm l-ebda raguni ghala ghandha tqis l-element tal-htiega u l-element tal-proporzjonalita` tal-pregudizzju ladarba t-tliet rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Jekk il-prova tal-jedd prima facie tkun tirrizulta, allura mbaghad tghaddi ghall-accertament taz-zewg rekwiziti l-ohra."*

*5. Illi t-talba ghall-hrug tal-Mandat odjern hija bbazata fuq il-premessa "Illi l-intimat huwa debitur fis-somma ta' Eur 60,000 rapprezentanti self brevi manu moghti lilu qabel illum";*

*6. Illi effettivament, ma tressqet ebda prova li turi fuq bazi prima facie li tassew l-esponenti huwa debitur tar-rikorrenti - u dan proprju ghaliex tali prova ma tezistix;*

*7. Illi r-rikorrent ma jaghti ebda hjiel ta' dan l-allegat dejn kif inhu dovut, f'liema cirkostanzi gie dovut, kemm ilu li huwa dovut, taht liema kundizzjonijiet inghata dan l-allegat self, u ghalfejn inghata dan l-allegat self;*

*8. Illi s-semplici dikjarazzjoni li persuna hija debitrici tar-rikorrent ma tistax titqies bizzejjed, anke jekk fuq bazi tal-prima facie, biex tiggustifika l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jitqies di natura bhala Mandat ta' natura eccezzjonali[3], u dan kuntrarjament ghall-Mandati kawtelatorji l-ohra fejn is-semplici dikjarazzjoni guramentata titqies bizzejjed;*

---

[3] "*Illi minn dan johrog illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provediment*" - **Charles Mugliette vs Saviour Bonnici** Deciza minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fil-25 ta' Jannar 2005 [Rik. 2086/97 JRM]

*9. Illi effettivament ma hux minnu li l-esponenti qatt silef xi flus mir-rikorrent u tenut kont dan il-fatt ir-rikorrent ma ghandu ebda prova, lanqas fuq bazi prima facie, li tabilhaqq huwa silef flus lill-esponenti;*

***C) Pregudizzju***

*10. Illi r-rikorrenti jippremetti li hemm "diversi djun ohra mall-banek u ghalhekk hemm bzonn li l-pretensjoni tieghu tigi debitament kawtelata";*

*11. Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti, tali asserzjoni trid tigi sorretta bl-icken hjiel ta' prova sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun komfortata li jezisti pregudizzju li ma jkunx hemm rimedju ghalih jekk dan il-Mandat ma jinharigx;*

*12. Illi r-rikorrenti jonqos milli jindika li hemm tabilhaqq riskju li dawn it-tliet proprjetajiet tabilhaqq jigu trasferiti sabiex ikun hemm il-biza ta' pregudizzju irrimedjabbli, u jgib prova taghha;*

*13. Illi l-esponenti jikkonferma li huwa m'ghandux il-hsieb li jiddisponi mill-proprjeta` tieghu;*

*14. Illi ma jirrizultax illi r-rikorrent ghamel tentattivi bil-mezzi ordinarji kawtelatorji biex jikkawtela l-pretensjoni tieghu, u ghalhekk certament ma jistax jirrizulta li dan il-Mandat eccezzjonali huwiex tabilhaqq mehtieg ghall-kawtela tal-pretensjoni tar-rikorrent - ghaliex il-prova li sar tentattiv bla success bil-mezzi ordinarji ma tezistix;*

*15. Illi ghaldaqstant, jekk stess fil-kawza fil-mertu r-rikorrenti jinghata ragun, ma hemm ebda prova li bil-mezzi li taghti l-Ligi b'mod ordinarju, ir-rikorrenti ma jkunx jista' jogbor dan l-allegat dejn;*

***D) Eccessivita` tat-talba***

*16. Minghajr pregudizzju ghal dak kollu hawn fuq premess, u f'kaz biss illi dina l-Onorabbli Qorti, ghal xi raguni, kellha tqies li jezistu elementi bizzejjed biex tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat de quo, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talba kif dedotta, ossia li jintrabtu 3*

*proprjetajiet ghal allegat dejn dikjarat fl-ammont ta' €60,000 huwa esagerat u zgur li huwa eccessiv;*

*17. Illi tnejn mill-proprjetajiet indikati, u cioe` il-Flat tal-Qawra u d-dar ta' H'Attard, wehidhom jiswew ferm izjed mill-ammont pretiz mir-rikorrenti;*

*18. Illi ghalhekk, f'kaz biss illi dina l-Onorabbli Qorti kellha tilqa' t-talba ghall-hrug tal-Mandat de quo, tali talba ghandha tkun limitata ghal wahda minn dawn iz-zewg proprjetajiet, u tillibera l-proprjetajiet l-ohra mill-effetti tal-Mandat;*

*19. Illi ghal dawn il-motivi, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat odjern, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, u tirrevoka contrario imperio d-Digriet taghha tat-3 ta' Novembru 2016 fejn laqghet it-talba provizorjament;*

*20. Illi l-esponent qieghed jirrizerva minn issa kull azzjoni ghad-danni spettanti lilu li jista' jsofri konsegwenza ta' dan il-Mandat;*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

**Joseph Farrugia** xehed a fol 56 – 60 illi huwa sellef l-ammont ta' flus in kwistjoni lil intimat, u din ma kienetx l-ewwel darba li sellfu xi flus, u dan billi xi drabi ghadda l-flus direttament lill-intimat, u xi drabi billi ghaddihom lil certu Redent Zammit, li kien habib tat-tnejn u impjegat mal-intimat. Spjega li l-intimat kien talbu zmien biex ihallas u kien jghidlu li qed jistenna li jigbor xi flus minghand klijenti tieghu. Huwa

kkonferma illi l-intimat ghadu ma hallsux ghaliex ghalkemm tah numru ta' *post-dated cheques* kull darba li kien ikun ha jmur biex isarraf wiehed l-intimat kien javzah li dawn ma setghux jissarfu u ghalhekk hu qatt ma mar jipprova jsarrafhom ghax ma riedx jaghmillu hsara. Qal li ghalhekk huwa kien qed izzomhom bhala ircevuta. Mistoqsi minn tah il-*post-dated cheques* li jinsabu a fol 15 *et seq.* tal-process wiegeb li dawn tahomlu l-intimat. Rigward tal-*smses* li huma ezebiti a fol 42 *et seq.* tal-process wiegeb illi dawn huma messagi li kien irceiva minghand l-intimat fejn l-intimat dejjem kien jghidlu biex jistenna ghall-hlas.

Spjega illi kien sellef il-flus lill-intimat ghaliex huma kienu hbieb u l-intimat kien qallu li kellhu problemi finanzjarji u li kien ha bicca xoghol kbira u ghalhekk kien sellfu is-somma ta' €60,000, minghajr l-ebda imghax impost. Zied illi din is-somma kien tahilu fi flus kontanti fuq firxa ta' zmien u f'diversi okkazzjonijiet, mhux f'daqqa, u l-intimat kien jaghtih *post-dated cheques* bhala forma ta' ricevuta, u xi drabi kien ikun jista' jsarrafhom u ohrajn le.

**In kontro-ezami** a fol 61 – 62 u mistoqsi jekk kien staqsa ghalfejn ic-cekkijiet kienu mahruga minn kumpanija u mhux mill-intimat personalment, wiegeb illi hu ma kienx basar x'se jigri, u li anke li kieku l-intimat ma kienx tah dawn ic-cekkijiet, xorta kien jaghtih il-flus.

**George Raymond Pace** xehed a fol 63 – illi l-istimi li jinsabu ezebiti a fol 76 *et seq.* tal-process gabhom minghand il-perit Randolph Nicholas Bartolo. Mistoqsi rigward ix-xoghol tieghu wiegeb li hu ghandu kumpanija bl-isem ta' Joe Pace K3 li taghmel xoghol ta' zebgha, kisi u *turnkey projects* u li ghamlet hafna progetti kbar. Kompla illi pero kellhom inaqqsu n-numru ta' impjegati minhabba problemi finanzjarji wara arbitragg fuq somma kbira ta' flus ghaliex ghandu jiehu minghand klijent is-somma ta' €427,000. Zied illi pero lill-banek m'ghandu jaghtihom xejn peress illi hemm kollox kopert. Rigward id-dejn reklamat mir-rikorrent wiegeb illi r-rikorrent ma selfu l-ebda flus personalment, ghaliex il-flus huwa kien jirceivihom minghand certu Renald Zammit, tant illi l-ammont dovut lil Joe Farrugia ma jafux ezatt ghaliex hu qatt ma ssellef direttament minghand ir-rikorrent. Spjega illi c-cekkijiet li gew ezebiti mir-rikorrent filfatt kien tahom lil Zammit u mhux lir-rikorrent.

**In kontro-ezami** a fol 66 u mistoqsi allura ghalfejn kien lest illi jaghmel skrittura rigward dan id-dejn mar-rikorrent, wiegeb illi huwa kien lest li jidhol fi skrittura fuq isem il-kumpanija bi *buona volonta* izda mhux fuq ismu personali izda ghaliex il-flus dejjem hargu ghall-kumpanija u mhux ghalih personali. Huwa kkonferma li l-*smses* ezebiti in atti kienu gew mibghuta minnu. Mistoqsi jekk il-persuni minghand min kien qed jissellef il-flus kienx qalilhom li qed jinnegozjaw ma' kumpanija wiegeb illi dawn kienu jafu ghaliex meta kien johrog ic-cekkijiet kien johrog ekwivalenti ghal kont ta' dak li jkun.

Mistoqsi xi djun ohra ghandu wiegeb illi d-dejn li ghandu mal-BOV huwa kopert bl-appartament u l-garaxx tal-Qawra u bi flus  izda ma jafx bl-ammont kemm hu l-amment dovut, izda jahseb li huwa circa €350,000 – 370,000. Mistoqsi xi djun ohra ghandu wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi mill-Qorti jekk ir-rikorrent ghamilux sekwestru wiegeb fl-affermattiv, fuq il-banek kollha. Mistoqsi jekk ghandux flux x'joffri bhala garanzija wiegeb fin-negattiv.

**Ikkonsidrat;**

Fir-risposta tieghu l-intimat l-intimat irrileva illi l-gudizzju m'huwiex integru ghaliex kwalunkwe allegat self sar minn flus formanti l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn ir-rikorrenti u martu, u mart ir-rikorrenti m'hijiex parti mill-proceduri.

Il-Qorti tqis illi din m'hijiex kwistjoni illi tista' tiddisponi minnha f'dawn il-proceduri peress illi l-ezami tal-Qorti f'mandat ta' inibizzjoni ma jidholx fil-mertu tal-kawza.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat qajjem ukoll kwistjoni ta' irregolarita in parte tal-mandat ghaliex skont l-intimat il-fond bl-indirizz 'Massiabelle”, Mdina Road, Attard ma gie deskritt kif trid il-lig u ghalhekk dan il-fond m'ghandux jigi milqut bil-mandat de quo.

L-Artikolu 7 (a) tal-Att Dwar ir-Registru Pubbliku jipprovdi illi:

> "[f]il-każ ta' bini, hu biżżejjed li tkun imsemmija l-belt, rabat jew raħal, u t-triq fejn ikun qiegħed, u n-numru li bih hu immarkat: jekk il-bini ma jkollux numru u jkun qiegħed fi triq li ma jkollhiex isem, fin-nota għandu jkun hemm imsemmija din iċ-ċirkostanza u għandu jkun hemm indikazzjoni ta' mill-anqas tlieta mill- irjieħ tiegħu."

Ghalhekk huwa car minn qari ta' dan l-artikolu illi fil-kaz in kwistjoni, peress illi l-fond indikat huwa bini u mhux raba, l-indikazzjoni geografiki li ghandhom jinghataw skont il-ligi gew sodisfatti mir-rikorrenti, ghaliex m'huwiex rikjest mill-ligi li jigu indikati l-irjiehat.

**Ikkonsidrat;**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u

**Fit-tieni lok**, irid jipprova li prima facie ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li

jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd prima facie, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> "... ***huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.***"

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju "**li ma jkunx jista' jigi irrimedjat**".

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe**")

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus**. Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza fit-**13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> "***Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares***

> ***<u>b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi</u>***" (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003; Giovann Grech vs Kristen Grech** deciza fil-21 ta' Mejju 2015; **Charles Schembri vs Victor Vella** deciza **23 ta' Gunju 2015**; **Bollicine Limited vs Pyramid Hotels Limited** deciza fit-**13 ta' Ottubru 2015**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per Imhallef Joseph R. Micallef :

> "... ***il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem***..."

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti** per **Onor Imhallef Dr J.R.Michallef**:

> "***Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares iljedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din.***"

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. –vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per Onor Imhallef J.Zammit McKeon.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

Illi mill-provi li ingabu a konjizzjoni tal-Qorti jirrizulta biss illi r-rikorrenti pprova sal-grad tal-prima facie illi ghandu dritt pekunarju. Ma jirrizultax pero, lanqas sal-grad tal-prima facie illi dan id-dritt pekunarju li ghandu, fil-fatt huwa kontra l-intimat. Dana il-ghaliex mill-provi jirrizulta illi r-rikorrenti ma kienx jghaddi l-flus lill-intimat, izda li terz, u hemm kwistjoni wkoll rigward min kien ir-recipjent ta' dawn il-flus, jekk hux l-intimat f'ismu proprju jew in rapprezentanza tal-socjeta tieghu. Dan tant illi c-cekkijiet *post-dated* li fi kliem ir-rikorrent stess, kien izzomhom bhala ricevuta tal-flus li huwa sellef, juru bic-car illi kwalunwke flus ghall-pagament tar-rikorrent kien ser ikunu gejjin minn kont intestat f'isem il-kumpanija tal-intimat, u mhux minn kont intestat li ismu personali.

Ghalkemm ir-rikorrent argumenta fit-trattazzjoni tieghu illi anke jekk dawn il-flus isselfu lill-kumpanija tal-intimat, l-intimat xorta jkun responsabbli personalment ghaliex imbaghad ikun hemm *the lifting of the corporate veil*, il-Qorti taghraf illi fir-realta jista' jkun hemm biss dan il-*lifting of the corporate veil* biss fil-kuntest ta' stralc u wara li jigi provat *wrongful* jew *fraudulent trading* da parti tal-intimat, fatt illi lanqas biss gie allegat mir-rikorrent.

Ghalhekk il-Qorti zgur li ma tistghax tilqa il-mandat intavolat kontra l-intimat f'cirkostanzi meta m'hemmx prova prima facie illi l-flus huma dovuti minnu personalment.

Illi di piu, jirrizulta illi d-dritt li *prima facie* jidher li ghandu r-rikorrent **huwa dritt pekunjarju semplici** u ghaldaqstant fuq l-iskorta tal-gurisprudenza fuq citata jonqos ir-rekwizit ta' hsara irrimedjabli.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

Tichad it-talba tar-rikorrent ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat billi ma ntweriex li jirrizultaw l-elementi kollha mitluba mill-ligi ghal hrug tieghu; u

Thassar *contrario imperio* d-digriet taghha datat tat-3 ta' Novembru 2016, sa fejn laqghet it-talba b'mod provvizorju.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Mghoti kameralment illum id-29 ta' Novembru 2016**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**